MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 991/2002

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Michael Grech, iben George, imwieled Pieta' fil-31 ta' ottubru, 1969
u
Mark Attard, iben Salvu, imwieled Pieta' fit-28 ta' ottubru, 1981
u
Emanuel Borg, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-12 ta' april, 1980
u
Kevin Haber, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-13 ta' awissu, 1981

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer ġewwa Pembroke f'xi ħin fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' ġunju, 2002 –

1. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' l-vettura tal-għamla Kia Pride, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAT 597, għad-dannu ta' Colin Brincat liema ħsara hi iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm500);
2. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' l-vettura tal-għamla Austin Mini, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAN 928, għad-dannu ta' Gilbert Camillerti u Alice Camilleri, liema ħsara hi iżjed minn ħames mitt lira maltin (Lm500);

Michael Grech, Mark Attard u Emanuel Borg, waħedhom –

3. talli f'dawn il-Gżejjer, ġewwa Pembroke, f'xi ħin fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' ġunju, 2002 ikkomettew serq tal-vettura tal-għamla Austin Mini, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAN 928, li l-valur tagħha jeċċedi l-Lm500 iżda anqas minn Lm1,000 għad-dannu ta' Gilbert Camilleri u Alice Camilleri, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2003 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputati ħallsu d-danni kollha li huma għamlu u li l-parteċivile ma trid xejn aktar minnhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2003 fejn il-partijiet qablu li l-imputat Kevin Haber ma kellhu xejn x'jaqsam mal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u li għal dak li jirrigwarda t-tielet akkuża, il-vettura in kwistjoni effettivament baqgħet fl-istess post fejn ġiet danneġġjata.
Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammettew l-akkużi skond
il-verbal hawn fuq indikat.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati Michael Grech, Mark Attard u Emanuel Borg ħatja tat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 325(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Ma ssibx lill-imputat Kevin Haber ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------